Għext il-Mandraġġ

# *Dawra mal-Inħawi (1)*

***Storja soċjali, persuni u personaġġi, folklor u għajdut fit-triqat, sqaqien u rkejjen tar-Rabat, Għawdex, madwar ħamsin sena ilu.***



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**Għal dawk li jafu bil-mandraġġ tar-Rabat Għawdex aktarx li jkemmxu xofftejhom jekk jisimgħu lil xi ħadd jiftaħar bil-Mandraġġ. Aħna li konna noqogħdu hawn mhux darba jew tnejn konna nitqiesu bħala refuġjati li ma sabux fejn jikru fi triq isbaħ. Għalija l-Mandraġġ rixi, u bih nista' niftaħar.**

X'aktarx li l-ewwel li nistaqsu huwa għaliex jissejjaħ hekk u kemm ilu b'dan l-isem; u jekk hemmx xi nisel mill-mandraġġ tal-Belt ta' Malta(1). Id-dehra tiegħu tagħti dehra ta' "ghetto". Aktarx li l-Lhud kienu jgħixu hawn fiż-Żminijiet tan-Nofs, fejn kellhom ukoll sinagoga. Fl-imgħoddi r-Rabat kien imħares mill-għadu b'ħajt madwaru, u toroq dojoq mgħawġa u kollha sqaqien, biex l-għadu jinfixel, u niesna jkollhom aktar tama li jaħarbu.



Pjazza Sabina jew Savina, kif insibuha hawn, tiftaħ fi Triq Santa Marija li tinżel u titla' sa x'ħin tingħaqad ma' Triq il-Biblijoteka. Qabel l-1900 il-bieb tal-knisja kien iħares fuq Triq Santa Marija.



Din it-triq tissejjaħ hekk għaliex fl-ewwel kantuniera man-naħa tal-lemin li tiftaħ għal Triq l-Assunta kien hemm statwa ta' Santa Marija fuq ħajt t'għalqa. Għalhekk żewġ toroq issemmew għall-Madonna taħt dan it-titlu. Meta l-Isqof Pietru Pace ried jibni skola hawn, l-istatwa poġġiha f'niċċa fejn għadha tidher sa żmieni. Idejn il-Madonna kienu tal-injam. L-Arċidjaknu Cordina ried li dirgħajjha jsiru tal-ġebel bħal bqija tal-istatwa. Tqabbad Agius għal dan ix-xogħol: Hu għażel li jadatta l-istatwa għad-dirgħajn li ħejja, mhux jadatta d-dirgħajn għall-istatwa; spiċċa biex raqqaq l-istatwa biex l-idejn li għamel ma jidhrux żgħar. Il-binja tal-iskola telgħet b'bieb kbir b'żewġ kolonni, erba' bibien oħra, u tliet galleriji. Tagħlim qatt ma sar fiha, u nbigħet biex jgħammru fiha tliet familji. Faċċata hemm id-dar fejn twieled Ninu Cremona.



Kif tibda t-telgħa tal-Mandraġġ tara żewġ sqaqien żgħar fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Ftit aktar 'l fuq tiftaħ Triq il-Karmnu, in-naħa tal-lemin, imsemmija hekk minħabba niċċa li kien hemm in-naħa ta' ġewwa. In-niċċa kienet tal-injam bi kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Sidha minflok ma sewwiha, qala' kollox u waħħal minflok in-niċċa, kwadru tal-Assunta; ħalla biss il-fanal ta' quddiemha. Fl-ewwel sqaq ta' Triq il-Karmnu hemm id-dar fejn trabba Fredu Spiteri, l-għannej, u hemm kamra kbira msejħa "il-mitħna", li darba kienet titħaddem bil bhejjem u mhux bir-riħ.

Ma' l-istess naħa hemm sqaq ieħor, imsejjaħ "tal-Meqrud". Xi snin qabel ma wasalt hawn kien hemm niċċa tal-Madonna. Jum minn fost l-oħrajn jingħad li l-miraklu ta' Sirakuża seħħ fil-Mandraġġ. L-istatwa żgħira tal-Madonna bdiet tibki. Bi ħġara l-folla għarriexa u tar-ruħ inġabret biex tara, u mgħaġġba bil-ħrara ġabet iż-żejt biex tixgħel quddiem il-Madonna, u b'ħeġġa titlob dak li għandha bżonn. Sidt id-dar ma ddejqitx bin-nies, għax

kellha sehem miż-żejt meħtieġ għall-ħtiġijiet tad-dar. Wara, jgħidu, li Mons. Cordina fetaħ in-niċċa u sab li d-dmugħ kien tixrib tal-umdita'. L-istatwa tpoġġiet id-dar, u n-niċċa nħattet, tħalla biss is-soll t'isfel.

Toħroġ minn sqaq u tidħol f'ieħor dritt, li taħsbu li huwa triq li tieħu għal x'imkien. Darba kien hemm ħsieb li jinfetaħ biex jingħaqad mas-sqaq li hemm fi Triq San Ġwann. Waqt maltempata li jien ma niftakarx, sajjetta daħlet minn tieqa tad-dar tal-familja tal-Ġidri u ħarġet minn tieqa oħra mingħajr ma għamlet l-iċken ħsara. Sajjetta oħra ħabtet mad-dar tas-Sufi li qegħda kantuniera barra s-sqaq, u ġarrfet kantun minn fuq il-bejt. Il-parapett ta' din id-dar huwa l-palk għall-beraħ. Kull xorta ta' logħob sar f'dan il-post minna t-tfal. Ħdejh sew hemm l-għajn, minn fejn nimlew l-ilma għax-xorb u għat-tisjir. Nhar ta' Sibt konna ninħaslu hawn, inxarbu lil xulxin u lil kull min jgħaddi. Bl-ilma ta' dak il-vit inħasslu minn borom sa kannestri tal-ħut. Ta' spiss kien jinstedd il-kanal, il-ħawt t'isfel ifur, u l-ilma jinżel l'isfel għal quddiem il-bibien. Min jaf kemm-il darba ħarġet Gejtana tgħajjat għax l-ilma kien jinżel quddiem tagħha. Ta' dan konna nieħdu ċanfira bla ħtija, għax il-kbar kienu jsodduha b'dak li jarmu. Meta l-għejjun tat-toroq inqalgħu kulħadd gerger, biss dan kien il-bidu li kulħadd illum għandu l-kamra tal-banju.



Parapett ieħor narawh fuq in-naħa l-oħra. Id-dar hija ta' Ċikku tal-Bobu. Fuq hemm gallerija tal-ġebel forma ta' ittra L, biċċa xogħol sabieħa tat-tinqix, imżejna bil-frott u dwawar. Taħtha hemm niċċa żgħira tal-injam b'santa li turi l-wiċċ ta' Kristu Msallab. Sidha kien dejjem iżomm id-dawl jixgħel quddiemha minħabba wegħda. Hu kien bniedem nervuż u sikwit kien iżarrat xi waħda, iżda darba ra n-nar fit-triq, u did-dehra qatgħetlu dal-vizzju. Bieb ma bieb hemm il-forn fejn niltaqgħu l-aktar għat-teatrini, u meta tkun xi ġurnata xita. Triq Santa Marija hi dritta, filwaqt li Triq il-Karmnu tilwi f'nofs tond hekk li tifforma speċi ta' "isola Tibertina". Inħobbu nsejħulha "d-dawra ta' Gejtana". Min jaf kemm-il tellieqa għamilna u kemm il-purċissjoni ħloqna madwar din id-dawra. Fi Triq Santa Marija naraw żewġ sqaqien oħra, wieħed fuq ix-xellug u l-ieħor fuq il-lemin. Ras il-Mandraġġ tkompli ma' Triq il-Biblijoteka, imsemmija hekk għax id-dar tal-familja Mercieca kienet darba dar tal-kotba. Fuq in-naħa tax-xellug taqbad ma' Triq il-Providenza, imsemmija għall-Madonna tar-Rummien li hemm fit-tarf l-ieħor quddiem il-ħanut tal-Mewta.

Triq Santa Marija hija parti mid-dawra tal-purċissjoni; minn hawn jgħaddu l-purċissjonijiet ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ, il-marċijiet prinċipali tal-festi, u l-purċissjoni tal-kwaranturi kif ukoll tal-Ġimgħa l-Kbira.

*(jissokta)*




1. Triq Santa Marija
2. L-istatwa ta' Santa Marija
3. Id-dar fejn twieled Ninu Cremona
4. L-iskola (id-dar ta' Toni ta' Terna)
5. Triq l-Assunta
6. L-isqaq ta' Tirjestri
7. Triq tal-Karmnu
8. L-isqaq tal-Leverist
9. L-isqaq tal-Meqrud
10. Il-parapett tas-Sufi
11. l-isqaq ta' Grezzja ta' Hili
12. Il-gallerija mnaqqxa
13. Il-forn
14. Il-kantina ta' Mosu
15. L-isqaq tal-Gerrus
16. L-isqaq ta' Gawdenz
17. Triq il-Providenza
18. Triq il-Librerija